*l-eċċezzjoni mqajjma mill-appellanta dwar it-tardività tal-appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, mhux biss hija waħda perentorja, iżda hija waħda perentorja tal-ġudizzju, u għalhekk kellha titqajjem fil-bidu tal-proċeduri - ladarba l-appellanta baqgħet kontumaċi quddiem il-Bord, fejn li kieku riedet, setgħet tqajjem l-eċċezzjoni li t-terminu ta' tliet ijiem sabiex jitressaq l-appell ma ġiex osservat, din għandha titqies li ddekadiet mid-dritt li tqajjem din l-eċċezzjoni -*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 122/2022 LM

**Catrina May Gutierrez**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency** [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-

Immigrazzjoni, [minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’], tat-23 ta’ Settembru, 2022 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] li permezz tagħha l-Bord laqa’ l-appell tar-rikorrenti **Catrina May Gutierrez** [hawnhekk ‘l-appellata’] mid-deċiżjoni tal-appellanta tat-28 ta’ Frar, 2022.

## Fatti

2. Ir-rikorrenti applikat għal Permess Uniku ta’ Xogħol fl-1 ta’ Frar, 2022. L-intimata irrifjutat din l-applikazzjoni abbażi tal-fatt li meta r-rikorrenti applikat għal dan il-permess, hija ma kinitx legalment preżenti f’Malta jew fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk l-applikazzjoni saret bi ksur tar-regolament 8(1)(ċ) tal-Liġi Sussidjarja 217.17. Ir-rikorrenti kienet ser tiġi impjegata bħala *nanny* ma’ persuna li tgħix Malta, u mill-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord, jidher li kienet il-persuna li r-rikorrenti kienet ser taħdem magħha li ssottomettiet id-dokumenti kollha meħtieġa f’isimha sabiex l-applikazzjoni tagħha tkun tista’ tiġi pproċessata.

## Id-Deċiżjoni Appellata

3. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta’ Settembru, 2022, il-Bord iddeċieda li l-każ tar-rikorrenti għandu jiġi kkunsidrat mill-ġdid mill-intimata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *“The Board:*
>
> *Saw that in virtue of a decision dated 28th February, 2022, Identity Malta Agency stated that at the moment the application was submitted, that is, on 1st February, 2022, (according to the Agency), the appellant was not legally present in Malta or*

> *legally present elsewhere in the European Union, and consequently, was not in a state of compliance with Regulation 8 of S.L. 217.17;*

*Saw that an appeal file was opened on 23rd March, 2022 and a formal appeal was filed on the 7th April, 2022.*

*Saw that no reply from Identity Malta Agency was found in the file.*

*Noted the affidavit of Tal Gorodetsky, ID card number 0156988A, the prospective employer, who under oath, explained in detail the facts and reasons which are understandable by the Board.*

*The Board therefore decides to accept the appeal and directs Identity Malta to review the case and to take into consideration all indicated in the affidavit presented."*

**<u>L-Appell</u>**

4. L-appellanta ressqet appell mid-deċiżjoni appellata fit-3 ta' Ottubru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellanta tat-28 ta' Frar, 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata. Fl-ewwel lok, l-appellanta spjegat li l-appell tal-appellata kien wieħed tardiv, stante li kien irreġistrat fit-23 ta' Marzu, 2022, iżda l-Bord bid-deċiżjoni tiegħu tat-23 ta' Settembru, 2022, xorta waħda laqa' l-appell tar-rikorrenti. L-appellanta allegat li l-Bord għamel użu minn timbru skorrett u kkorreġa d-data bil-pinna. Qalet ukoll li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' l-appell tagħha *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217, ġialadarba r-Regolamenti applikabbli ħarġu skont il-poteri konferiti permezz tal-artikolu 4A tal-Kap. 217.

5. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta qalet li t-terminu impost fl-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217 ma ġiex rispettat, u għalhekk l-appell tar-rikorrenti ġie ppreżentat tardivament. Qalet li għalhekk il-Bord ma kellux jikkonsidra l-appell tar-rikorrenti fil-mertu għaliex dan kien wieħed tardiv.

Kompliet tgħid li filwaqt li d-deċiżjoni appellata ngħatat fit-28 ta' Frar, 2022, ir-rikors tal-appell ġie intavolat fit-23 ta' Marzu, 2022, u għalhekk kienu għaddew it-tliet ijiem ta' xogħol mid-deċiżjoni appellata meta ġie imressaq l-appell. Qalet li din hija eċċezzjoni ta' natura perentorja, u għalhekk hija waħda li tista' titqajjem f'kull stadju tal-proċeduri, anki fl-appell. L-appellanta qalet li l-Bord ma jispjegax x'kienu r-raġunijiet li wasslu biex l-appellata ġiet skużata. Qalet ukoll li ladarba t-terminu perentorju tal-appell kien għadda u ma jistax jiġi estiż, l-appell kellu jiġi ddikjarat null u bla effett.

6. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li d-deċiżjoni tal-Bord hija nieqsa mill-motivazzjoni. Qalet li għalkemm mhijiex meħtieġa motivazzjoni dettaljata u fil-fond, dan ma jfissirx li l-mertu tal-vertenza kellu jiġi injorat jew sorvolat b'deliberazzjonijiet leġġeri, u għamlet riferiment għal ġurisprudenza li tgħid li l-litigant għandu jingħata r-raġuni għalfejn il-mertu jiġi deċiż b'ċertu mod.

7. Fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, senjatament tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u tad-data tal-applikazzjoni. Qalet li l-appellanta Identity Malta ma setgħet qatt tilqa' l-applikazzjoni kif magħmula mill-appellata *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, liema liġi ttrasponiet id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, liema Direttiva tipprovdi wkoll li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment

fl-Istat Membru sabiex jippreżenta l-applikazzjoni. Qalet li peress li jirriżulta li l-applikazjoni ġiet ippreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz li kienet tinsab f'Malta illegalment, u peress li la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea 2011/98/UE ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, l-appellanta mxiet b'mod korrett meta ma laqgħetx l-applikazzjoni tal-appellata. Kompliet tgħid li hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza il-pożizzjoni tal-applikanti, iżda bil-ħsieb li toffri assistenza lill-appellata, hija kkomunikat mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni sabiex il-każ tal-appellata jinġieb quddiemu. Qalet li madanakollu, l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma rregolarizzax il-pożizzjoni tal-appellata. Qalet ukoll li mhijiex il-mansjoni tal-Bord li jsalva applikazzjonijiet, iżda l-Bord għandu japplika l-liġi bl-istess mod u manjiera fil-konfront ta' kull applikant. Qalet ukoll li l-applikanta hija ċittadin ta' pajjiż terz, u għalhekk il-kwistjoni dwar jekk it-tardività ġietx ikkawżata min terzi bħal ma huwa l-prinċipal prospettiv, hija għal kollox immaterjali.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. L-appellata fir-risposta tagħha wieġbet li d-deċiżjoni mertu tal-appell hija ġusta u timmerita konferma, filwaqt li r-rikors tal-appell tal-appellanta huwa msawwar fuq aggravji infondati fil-fatt u fid-dritt. Qalet li l-appellanta Identity Malta ġiet meqjusa li kienet kontumaċi fil-proċeduri quddiem il-Bord għaliex naqset milli tippreżenta risposta mingħajr ma tat spjegazzjoni jew raġunijiet għal dan in-nuqqas.

9. B'riferiment għall-ewwel aggravju sollevat mill-appellanta, l-appellata qalet li dan huwa skorrett u maħsub biex jiżvija lil din il-Qorti, u dan għaliex l-

appellanta żbaljat meta użat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bħala pedament għall-appell tagħha, għaliex in-natura tal-każ odjern tirrigwardja terminu ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni. Kompliet tgħid li għalhekk trid issir distinzjoni ċara bejn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet, għaliex filwaqt li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni titqies li hija waħda perentorja, dik ta' dekadenza titqies li hija waħda dilatorja, u għalhekk ma tistax titqajjem fl-istadju tal-appell. L-appellata qalet illi filwaqt li t-terminu ta' tliet ijiem kif stabbilit permezz tal-artikolu 25A(7) tal-Kap. 217 ma jistgħax jiġi estiż, dan it-terminu huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni. Qalet li għalhekk din hija eċċezzjoni perentorja fil-ġudizzju li għandha titqajjem fil-bidu tal-proċeduri, billi mhijiex inkluża fl-artikolu 731 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ li ma titqajjimx f'dak l-istadju, titqies li ġiet rinunzjata. L-appellata kompliet tgħid illi filwaqt li l-eċċezzjoni ta' dekadenza hija waħda perentorja, għall-finijiet tal-istadju li fih għandha tiġi mressqa, din titqies bħala eċċezzjoni dilatorja, u għalhekk għandha titressaq *in limine litis,* u jekk ma tiġix imqajma fil-bidu tal-proċeduri, din titqies li ġiet rinunzjata.

10. L-appellata qalet ukoll li l-appellanta naqset milli tippreżenta kopja tad-deċiżjoni li ttieħdet minnha fil-konfront tal-appellata, għaliex li kieku għamlet hekk, din il-Qorti kienet tinduna li l-appellanta kisret l-obbligi tagħha billi ma infurmatx lill-appellata bid-dritt tagħha ta' appell, u dan bi ksur lampanti tal-Artikolu 8 tad-Direttiva Ewropea 2011/98/UE. Qalet li fid-deċiżjoni tagħha l-appellanta Identity Malta infurmatha biss li hija kellha titlaq mit-territorju Schengen, iżda ma speċifikatx li hija kellha dritt tappella fi żmien tliet ijiem. L-appellata saħqet li l-appellanta għandha l-obbligu li tinforma u tiggarantixxi ċerti proċeduri meta jkun hemm rifjut, imma fl-ittra li bagħtet lill-appellata,

imkien ma ġie indikat li r-rikorrenti kellha d-dritt li tappella, u quddiem liema entità amministrattiva jew Bord jew Tribunal kellu jsir dan l-appell, u kemm hu t-terminu impost mil-liġi sabiex isir dan l-appell.

11. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li l-appellanta qiegħda tipprova tevita li terfa' r-responsabbilità tan-nuqqasijiet tagħha, billi tagħmel allegazzjonijiet infondati fil-konfront tal-Bord. Qalet li filwaqt li hija taqbel mal-appellanta meta tgħid li d-deċiżjonijiet għandhom ikunu sostanzjati u motivati, l-appellanta kienet fi stat ta' kontumaċja quddiem il-Bord, u għalhekk il-Bord seta' biss jistrieħ fuq il-provi u d-dokumenti li ġew esebiti mill-appellata għaliex dawn ma ġewx ikkontestati mill-appellanta. Qalet li l-appellanta ma talbitx imqar estensjoni lill-Bord sabiex titħalla tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, bil-miktub jew verbalment, u minkejja li kienet fi stat ta' kontumaċja, l-appellanta xorta waħda kellha l-jedd li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, ħaġa li m'għamlitx. Qalet li għalhekk kienet l-appellanta li konxjament ħalliet il-proċeduri għaddejjin mingħajr l-ebda oġġezzjoni min-naħa tagħha, u għalhekk issa ma tistax tgħid li d-deċiżjoni tal-Bord mhijiex motivata. L-appellata qalet li fi kwalunkwe każ lanqas ma jista' jingħad li d-deċiżjoni mhijiex motivata biżżejjed, għaliex hija ppreżentat provi ampji sabiex tissostanzja l-verżjoni tagħha quddiem il-Bord, u huma proprju dawn id-dokumenti li ġew meqjusa mill-Bord sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellata għamlet riferiment għall-*affidavit* tal-prinċipal prospettiv tagħha, u spjegat li kieku l-appellanta ħadet konjizzjoni tiegħu, hija kienet tinduna li r-raġuni għalfejn l-appellata ma setgħetx ittella' l-applikazzjoni tagħha fuq is-sistema fi żmien għaxart ijiem, kienet minħabba nuqqasijiet min-naħa tal-appellanta. Qalet li hija fil-fatt ppruvat li d-dokumenti ġew ippreżentati

kemm fiżikament kif ukoll permezz tal-posta elettronika, għaliex il-prinċipal prospettiv tagħha sabha diffiċli li jinnaviga fis-sistema *on-line* tal-appellanta. Qalet li huwa għalhekk li l-appellanta baqgħet ma ppreżentatx ir-risposta tagħha quddiem il-Bord, għaliex l-argumenti kollha tal-appellata ġew issostanzjati bil-provi, u l-appellanta ma kellha l-ebda difiża tajba sabiex tiġġustifika n-nuqqasijiet tagħha f'diversi stadji. L-appellata qalet ukoll li l-Bord jistrieħ fuq il-provi li jkollu quddiemu, u filwaqt li jistħarreġ il-każ, mhux kostrett jiċċita kull artikolu tal-liġi jew kull prova li ġiet ikkunsidrata minnu, li wasslet għad-deċiżjoni meħuda minnu, kemm-il darba d-deċiżjoni tkun tinkorpora l-assjem u l-fatti prinċipali tal-każ.

12. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanta, l-appellata qalet li mhux minnu li hija ma mxietx skont il-liġi, għaliex min-naħa tagħha hija ħadet ħsieb tippreżenta d-dokumentazzjoni tagħha fil-ħin, jiġifieri fi żmien għaxart ijiem mid-data tat-terminazzjoni tagħha. Qalet li hija ġiet itterminata mill-impjieg fil-15 ta' Ottubru, 2021, filwaqt li l-prinċipal prospettiv tagħha intavolat id-dokumentazzjoni għan-nom tagħha fil-21 ta' Ottubru, 2021. L-appellata spjegat li hija ilha tgħix Malta mill-2019, u qatt ma kellha problemi, la bir-residenza tagħha u lanqas bl-impjieg. Qalet li hija kienet taf li malli l-impjieg tagħha jiġi tterminat jew hija titlaq mix-xogħol tagħha, ikollha biss għaxart ijiem sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha f'Malta, u kien għalhekk li hija mill-ewwel sabet impjieg alternattiv u ppreparat id-dokumenti kollha qabel irriżenjat mill-impjieg tagħha, u dan sabiex tkun tista' tippreżenta d-dokumenti tagħha fil-ħin. L-appellata qalet li hija ppreżentat id-dokumenti tagħha fiżikament, u kien għalhekk li dawn ma ttellgħux fuq is-sistema tal-appellanta. Żiedet tgħid li dan mhux minħabba xi negliġenza min-naħa tagħha jew tal-prinċipal prospettiv

tagħha, iżda minħabba problemi tekniċi li esperjenzat il-prinċipal prospettiv fuq is-sistema, liema diffikultajiet ma ġewx indirizzati mill-appellanta. Qalet li hija ma kellha l-ebda għażla oħra għajr li tissottometti d-dokumentazzjoni tagħha fiżikament, u dan sabiex tkun tista' tirrispetta t-terminu ta' għaxart ijiem impost mill-appellanta. Qalet li hija mhux biss marret fiżikament fl-uffiċini tal-appellanta, iżda anki l-prinċipal prospettiv tagħha għamlet minn kollox sabiex titlob l-għajnuna tal-appellanta, inkluż billi bagħtet diversi *emails,* iżda minkejja dan baqgħet ma rċeviet l-ebda risposta. Qalet ukoll li huwa mistenni li l-appellanta timxi b'ċerta responsabbilità u li tkun raġonevoli fil-mod kif taqdi dmirijietha, u wara li hi u l-prinċipal prospettiv tagħha ħlew ħafna ħin jiġru wara l-appellanta, huwa inawdit kif sentejn wara, l-appellanta xorta waħda qiegħda titfa' t-tort fuq l-appellata. L-appellata qalet li għalhekk l-allegazzjoni li hija ma kinitx f'pożizzjoni regolari meta ppreżentat id-dokumentazzjoni tagħha, hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi hija msejsa fuq il-mod kif ġiet intavolata d-dokumentazzjoni u mhux fuq terminu. L-appellata qalet li r-regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 imkien ma jgħid li d-dokumenti għandhom ikunu *online* fuq is-sistema, imma li l-applikant għandu jkun f'pożizzjoni regolari u legali f'Malta meta jissottometti l-applikazzjoni tiegħu. L-appellata qalet li hija kienet pjuttost proattiva, u mingħajr il-koperazzjoni tal-appellanta, l-unika għażla li hija kellha kienet li tissottometti fiżikament id-dokumentazzjoni għal xogħol ġdid, u għalhekk hija m'għandhiex issofri l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' diliġenza tal-appellanta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-appellata. L-ewwel aggravju li jrid jiġi indirizzat minn din il-Qorti, huwa rigward it-terminu sabiex jiġi imressaq appell mid-deċiżjoni tal-appellanta, u dan in vista tal-allegazzjoni li saret mill-appellanta li l-appell tar-rikorrenti ġie imressaq tardivament, imma minkejja dan il-Bord xorta waħda għażel li jisimgħu. L-appellanta tgħid li hija tat id-deċiżjoni tagħha fl-28 ta' Frar, 2022, iżda li l-appellata ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem il-Bord fit-23 ta' Marzu, 2022, sabiex b'hekk ma ġiex osservat it-terminu perentorju ta' tliet ijiem mid-data tad-deċiżjoni sabiex jiġi imressaq l-appell. L-appellanta ssostni li ladarba t-terminu ta' tliet ijiem laħaq għadda, il-Bord kellu jirrifjuta li jikkonsidra l-appell tal-appellata. L-appellata fir-risposta tagħha, tagħmel distinzjoni bejn eċċezzjonijiet ta' natura perentorja u eċċezzjonijiet ta' natura dilatorja, u tgħid li ladarba l-eċċezzjoni tat-tardività ma tqajmitx mill-appellanta fil-bidu tal-proċeduri, din kellha titqies li ġiet rinunzjata.

14. Il-Qorti tirrileva li l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili [Kap. 12] ma jagħti l-ebda definizzjoni ta' x'inhi 'eċċezzjoni perentorja', iżda huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li dawn it-tip ta' eċċezzjonijiet huma tali li jekk jintlaqgħu, jeżawrixxu għal kollox il-mertu, b'mod li l-kawża ma tkunx tista' terġa' tiġi proposta kontra l-istess parti. Skont l-artikolu 732 tal-Kap. 12, dawn it-tip ta' eċċezzjonijiet jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża, inkluż fl-istadju ta' appell. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Fundazzjoni Wirt Artna *vs.* Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima et**[1], fejn għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar id-distinzjoni bejn eċċezzjonijiet perentorji u eċċezzjonijiet dilatorji:

*"L-eċċezzjonijiet perentorji huma wieħed mit-tipi ta' eċċezzjonijiet li, b'dispożizzjoni espressa tal-kodiċi ritwali (Art. 732(1) isiru fi kwalunkwe stadju tal-kawża u saħansitra quddiem il-Qorti tal-Appell. Fost l-eċċezzjonijiet perentorji hemm l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li, ukoll abbażi tal-Art. 2112 tal-Kodiċi Ċivili* "L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-appell". *L-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) ikkummentat li "r-ratio legis ta' dan il-provvediment mhux xi konċessjoni lill-konvenut, imma hija l-għarfien tar-realtà ġuridika illi jekk il-fatti kienu verament eventwalment jissufragaw l-eċċezzjoni ulterjuri li l-konvenut ikun talab li jagħti, dan f'kull każ ikun wassal għaċ-ċaħda tat-talba tal-attur fil-mertu kontra l-konvenut, billi din tinstab illi ma tkunx tista' treġi fil-konfront tiegħu." (fn. 16 "John Bonnici nomine – vs – Mark Anastasi nomine", 21 ta' Mejju, 1997). Fil-fehma umli ta' din il-Qorti, fiż-żminijiet tal-lum, din m'għadhiex raġuni qawwija biżżejjed biex ma tkunx ukoll regola almenu ġenerali li l-eċċezzjonijiet perentorji ma jingħatawx ukoll biss fil-bidu tal-kawża. Anke jekk dan ifisser li t-tħaffif tal-kawżi jieħu sopravvent fuq il-ġustizzja sostantiva. Jekk eċċezzjoni perentorja ma tkunx tqanqlet man-nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali, għalkemm kienet teżisti f'dak il-mument, ifisser li l-konvenut ikun ħati ta' traskuraġni. Fiż-żminijiet tal-lum, iċ-ċelerità fis-smigħ tal-kawżi huwa wieħed mill-overriding objectives tal-proċess ġudizzjarju u m'għandux ikun leġġerment injorat mil-leġislatur. ...*

*Id-dispożizzjonijiet suesposti joħolqu diffikultà oħra: id-distinzjoni fit-trattament bejn eċċezzjoni dilatorja u eċċezzjoni perentorja. Il-kodiċi ma jagħti l-ebda definizzjoni ta' eċċezzjoni dilatorja jew eċċezzjoni perentorja. Fil-prattika, mhux dejjem faċli li wieħed jiddistingwi bejn waħda u oħra, u dan joħloq inċertezza u dewmien bla bżonn fis-smigħ tal-kawżi. Tant li d-dottrina u l-ġurisprudenza mhux biss jagħmlu distinzjoni bejn it-tnejn, imma wkoll jagħmlu ċerti distinzjonijiet fini ta' xeħta skolastika li jkomplu jżellġu d-distinzjoni bejn iż-żewġ kategoriji:*

"9. *Illi b'eċċezzjoni dilatorja wieħed jifhem dik l-eċċezzjoni li hija maħsuba li ttawwal jew tissospendi l-mixja 'l quddiem ta' kawża, filwaqt li b'eċċezzjoni perentorja wieħed jifhem dik l-eċċezzjoni maħsuba li toqtol l-azzjoni. Iżda din id-*

[1] 06.07.2021.

*distinzjoni mhix biżżejjed, għaliex huwa magħruf li eċċezzjoni tista' tkun dilatorja tal-mertu (f'liema każ issir perentorja tal-ġudizzju u toqtol il-proċediment billi l-parti mħarrka tinħeles milli tibqa' aktar fil-ġudizzju, bla ma toqtol il-jedd innifsu li l-azzjoni tista' terġa' titressaq mill-ġdid) jew dilatorja tal-ġudizzju (f'liema każ il-mixi ta' kawża jitwaqqaf sakemm ma jitneħħewx iċ-ċirkostanzi li jxekkluha milli tkompli tinstema', imma ma joqtlux l-istess kawża). Min-naħa l-oħra, eċċezzjoni tista' tkun perentorja tal-mertu (b'mod li jekk tintlaqa' toqtol l-azzjoni biċ-ċaħda tat-talbiet attriċi) jew perentorja tal-ġudizzju (b'mod li jekk tintlaqa' teħles lill-parti mħarrka milli tibqa' aktar fil-kawża);*

*20. Illi t-tifsira li l-Qrati tagħna sa minn żmien ilu taw lill-kliem* "eċċezzjonijiet dilatorji" *li jinsabu fl-artikolu 728(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet għal dawk l-eċċezzjonijiet li misshom jitqajmu* "in limine litis" *u li ġeneralment jissejħu bħala* "eċċezzjonijiet preliminari". *Kif ingħad diġà, fost dawn l-eċċezzjonijiet preliminari hemm uħud li jikkwalifikaw bħala eċċezzjonijiet perentorji tal-ġudizzju u li xorta waħda huwa mistenni li jitqajmu fil-bidu tal-kawża u li jitqies li min ressaqhom ikun irrinunzja għalihom jekk kemm-il darba jħalli l-kawża timxi 'l quddiem bla ma jisħaq li tingħata sentenza dwarhom. Madanakollu, minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 732(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, din ir-regola ma żżommx milli xi eċċezzjonijiet* 'preliminari' *perentorji tal-ġudizzju jistgħu jitqanqlu wkoll fi stadju ta' appell". (fn. 21 "Paul Fiorentino – vs David Jones", 05.10.2018 Qorti tal-Appell (STO Joseph Azzopardi, Onor. J.R. Micallef, Onor. Tonio Mallia)*

*Distinzjonijiet dawn li spiss ikunu diffiċli biex isiru fil-prattika u jkomplu jikkontribwixxu għad-dewmien fil-kawżi. B'mod iktar sempliċi, jista' jingħad li eċċezzjoni dilatorja hija dik li jkollha l-effett li twaqqaf il-kawża iżda ssalva l-mertu u għalhekk ma timpedix lill-attur milli jerġa' jipproponi l-azzjoni tiegħu. Per eżempju: l-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni. Eċċezzjoni perentorja mhux biss twaqqaf il-kawża imma toqtol il-mertu u għalhekk iżżomm lill-attur milli jagħmel kawża ġdida. Per eżempju: l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni."*

15. L-appellata tikkontendi li t-terminu ta' tliet ijiem biex jitressaq appell mid-deċiżjoni tal-appellanta, mhuwiex wieħed ta' preskrizzjoni imma huwa wieħed ta' dekadenza. Tgħid illi fir-rigward ta' terminu ta' dekadenza, il-perijodu imsemmi fil-liġi la jista' jiġi mtawwal u lanqas imġedded wara l-għeluq tiegħu, filwaqt li t-terminu ta' preskrizzjoni jista' jiġi mtawwal wara l-għeluq

tiegħu, per eżempju fejn jeżistu ċirkostanzi ta' interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni. L-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

> "Kull appell għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mid-deċiżjoni li tkun soġġetta għall-appell."

16. Il-Qorti tqis li l-appellata għandha raġun tgħid li din it-tip ta' eċċezzjoni mqajjma mill-appellanta mhux biss hija waħda perentorja, iżda hija waħda perentorja tal-ġudizzju, u għalhekk kellha titqajjem fil-bidu tal-proċeduri. L-appellanta naqset fil-konfront tal-appellata kif ukoll fil-konfront tal-organi li għandhom il-funzjoni li jirrevedu d-deċiżjonijiet amministrattivi tagħha, senjatament il-Bord u din il-Qorti, meta għal xi raġuni baqgħet kontumaċi fil-proċeduri quddiem il-Bord, naqset milli tippreżenta risposta għar-rikors tal-appell tal-appellata, u naqset milli tispjega għal liema raġuni l-permess mitlub mill-appellata ġie rifjutat, jew għal liema raġuni kkonsidrat li kien hemm nuqqas ta' konformità mar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Ladarba l-appellanta baqgħet kontumaċi quddiem il-Bord, fejn li kieku riedet, setgħet tqajjem l-eċċezzjoni li t-terminu ta' tliet ijiem sabiex jitressaq l-appell ma ġiex osservat, din għandha titqies li ddekadiet mid-dritt li tqajjem din l-eċċezzjoni, u għalhekk il-Qorti mhijiex sejra tieħu konjizzjoni tagħha, ladarba lanqas il-Bord ma qajjimha. Fl-ittra ta' rifjut tagħha, l-appellanta naqset milli tinforma lill-appellata bid-dritt tagħha li tappella mid-deċiżjoni fi żmien tliet ijiem, u lanqas ma indikat b'liema mod l-appellata setgħet tappella minn din id-deċiżjoni u quddiem min. In vista ta' dawn in-nuqqasijiet, li ilkoll jimpinġu fuq id-drittijiet l-aktar fundamentali tal-appellata, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-

ewwel eċċezzjoni, partikolarment meta l-appellanta għażlet li tibqa' kontumaċi quddiem il-Bord.

17. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li d-deċiżjoni tal-Bord hija nieqsa minn motivazzjoni u mir-raġunijiet li wassluh għad-deċiżjoni tiegħu. Filwaqt li huwa minnu li d-deċiżjoni appellata hija waħda pjuttost fil-qosor, il-Qorti tqis li għal xi raġuni l-appellanta għażlet li tibqa' kontumaċi u li ma tipparteċipa bl-ebda mod fil-proċeduri quddiem il-Bord. Dan wassal għal sitwazzjoni fejn il-Bord kellu biss il-pożizzjoni u l-provi mressqa mill-appellata x'jikkonsidra. Barra minn hekk, fis-sustanza id-deċiżjoni tal-Bord kienet li l-appellanta Identity Malta għandha tirrikonsida l-każ tal-appellata mill-ġdid, wara li tieħu konjizzjoni tal-fatti kif spjegati fl-*affidavit* tal-prinċipal prospettiv tal-appellata. Il-Bord fl-ebda waqt ma ta deċiżjoni dwar kif għandha tiddeċiedi l-appellanta, iżda qal biss li wara li kkonsidra dak li kellu xi jgħid il-prinċipal prospettiv tal-appellata, u l-fatt li dan sab diffikultajiet sabiex jissottometti d-dokumenti tal-appellata fuq is-sistema *online* tal-appellanta, tqis li l-appellanta kellha tikkonsidra l-każ tal-appellata mill-ġdid. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

18. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li meta l-appellata ressqet l-applikazzjoni tagħha quddiem l-appellanta, din ma kinitx konformi mar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, għaliex l-appellata ma kinitx legalment f'Malta jew fit-territorju ta' xi Stat Membru. Il-Qorti kkonsidrat dak li kellha xi tgħid l-appellata, jiġifieri li hija ħadet ħsieb tapplika għal Permess Uniku jew ta' Residenza entro t-terminu ta' għaxart ijiem minn meta l-impjieg preċedenti tagħha ġie tterminat. L-appellata spjegat li għalhekk

hija fl-ebda waqt ma kienet illegalment f'Malta, fejn ilha tgħix u taħdem mis-sena 2019, għaliex hekk kif ġie tterminat l-impjieg preċedenti li kellha, hija ħadet ħsieb tissottometti l-applikazzjoni u d-dokumenti tagħha dwar impjieg ġdid, anki jekk b'mod fiżiku u mhux *online,* sabiex tirregolarizza l-qagħda tagħha. Fil-fatt mid-dokumenti ppreżentati quddiem il-Bord, jirriżulta li l-impjieg li kellha l-appellata ġie tterminat fil-15 ta' Ottubru, 2021, wara li hija tat ir-riżenja tagħha minn mal-kumpannija Bad Boy Cleaning Services Limited, u fil-21 ta' Ottubru, 2021, il-prinċipal prospettiv tal-appellata kienet diġà ssottomettiet applikazzjoni f'isem l-appellata sabiex il-pożizzjoni tagħha tiġi regolarizzata u hija tkun tista' tibda l-impjieg tagħha bħala *nanny/housekeeper.* Kien biss wara diversi ġimgħat li l-appellanta infurmat lill-prinċipal prospettiv li d-dokumenti meħtieġa kellhom jittellgħu fuq il-*portal* tal-appellanta. Imma dan m'għandux ifisser li f'dan iż-żmien l-appellata kienet tinsab f'pajjiżna illegalment, kif tallega l-appellanta. Il-Qorti diġà kellha l-opportunità tirrileva drabi oħra, li mhuwiex raġonevoli li persuna tkun mistennija tħalli pajjiżna u tirritorna lura lejn pajjiżha, f'dan il-każ il-Filippini, sabiex tissottometti l-applikazzjoni tagħha dwar impjieg ġdid, wara li jkun ġie tterminat l-impjieg li kellha qabel, għax tkun sabet opportunità u prospetti ta' xogħol aħjar waqt li tkun qiegħda taħdem f'Malta. L-appellata bdiet il-proċess sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha wara biss sebat ijiem, iżda kien wara diversi ġimgħat, f'Novembru tal-2021, li l-appellanta infurmatha li l-mod kif ġew ippreżentati d-dokumenti ma kienx aċċettabbli għaliha, għaliex dawn kellhom jiġu sottomessi b'mod elettroniku. Għaldaqstant is-sottomissjoni li b'xi mod l-appellata ma kinitx konformi mar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 m'għandiex mis-sewwa, u l-Qorti qiegħda tiċħad it-tielet aggravju wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**